**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Laqgha Numru 16/K7/2014**

**Introduzzjoni**

Is-Sittax-il Laqgha tas-Seba' Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2014 li saret nhar it-Tlieta 21 ta' Ottubru 2014.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30pm.

Prezenti: Is-Sindku Dean Hili, il-Vici Sindku Raymond Lanzon, il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat u Charles Cesare, l-Ambaxxatur Lokali ghaz-Zghazagh Kurt Mizzi u s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsillier Mark Causon kien skuzat. **(Ara Dok. 1)**

Fuq talba tal-Kunsill, ghal xi hin kienet prezenti wkoll l-Accountant tal-Kunsill Mrs. Romina Perici Ferrante.

Is-Sindku Dean Hili qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fil-15 ta' Ottubru 2014. L-Agenda kienet:

1. **Approvazzjoni tal-Minuti 15/K7/2014.**
2. **Punti li johorgu mill-Minuti 15/K7/2014.**
3. **Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**
4. **Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**
5. **Mistoqsijiet.**
6. **Korrispondenza.**
7. **Kumitati Konguntí ta' l-LES u n-NHDJC.**
8. **Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**
9. **Rapport Finanzjarju 3 Kwart (Lulju – Settembru 2014).**
10. **Approvazzjoni tal-kontijiet.**
11. **Materji ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 15/K7/2014.

1.01. Is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 15/K7/2014 kif ipprezentati.

1.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.04. Is-Sindku Dean Hili ppropona sospenzjoni ta' l-agenda biex item 9 jigi diskuss qabel item 2.

1.05. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

1.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 09. Rapport Finanzjarju 3 Kwart (Lulju – Settembru 2014).

9.01. Is-Sindku Dean Hili pprezenta lill-Kunsill ir-rapport finanzjarju ghall-perjodu Lulju sa Settembru 2014. **(Ara Dok. 2)** Il-kelliem stieden lill-accountant biex taghmel l-ispjega taghha.

9.02. Mrs. Perici Ferrante spjegat lill-Kunsill id-dhul u l-hrug li kien hemm fil-perjodu indikat.

9.03. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku Dean Hili talab lill-accountant tirtira. Il-kelliem ippropona l-approvazzjoni tar-rapport kif ipprezentat.

9.04. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

9.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 15/K7/2014.

2.01. Is-Sindku Dean Hili ghamel referenza ghall-**Minuti 15/K7/14 item 2.01 u 2.02 kif ukoll ghall-Minuti 14/K7/14 item 3.08** fejn irrimarka li fuq il-proposta li kien ghamel il-Kunsillier Charles Cesare biex il-Kunsill johrog fuljett informattiv li jitqassam fid-djar kollha tal-lokal dwar liema sigar qed ikun issuggerit li jithawwlu kemm fil-privat kif ukoll f'postijiet pubblici, liema inizjattiva tista' tghin biex thajjar aktar residenti jhawwlu sigar fil-lokal inkluz li tali proposta kienet giet issekondata milll-Kunsillier Mark Causon fejn kien zied li huwa kien lest li jikkompila l-materjal li hemm bzonn, ***il-kelliem informa lill-Kunsill li l-Kunsill kien ghadu qed jistenna l-materjal minghand il-Kunsillier Mark Causon.***

2.02. Is-Sindku Dean Hili ghamel referenza ghall-**Minuti 15/K7/14 item 2.04** kif ukoll ghall-**Minuti 14/K7/14 item 6.49** dwar ir-rapport li kien sar mill-CM Raphael Carabott b'lista aggornata u ritratti ta' kull sit tal-bicciet t'artijiet pubblici l'inghataw minghajr ebda pretenzjoni lir-residenti biex jiehdu hsiebhom, ***il-kelliem irrimarka li ghalkemm dan kellu jigi diskuss informalment nhar l-Erbgha 3 ta' Settembru 2014 bejn il-membri tal-Kunsill, dan ghad ma giex diskuss.***

2.03. Is-Sindku Dean Hili ghamel referenza ghall-**Minuti 15/K7/14 item 6.02** fejn b'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4191/14/I** fejn huwa kien ippropona li l-Kunsill jinforma lil Nature Trust li din it-tabella ghandha titwahhal fit-triq li taghti ghal Pembroke Athleta fejn hemm il-bidu tac-cycle path kif ukoll fejn il-Kunsillier Mark Causon kien issekonda u zied li ghandhom jigu approvata dawk it-tabelli diskussa fil-laqgha precedenti (Min 14/K7/2014 – 6.73) nkluz li titwahhal ukoll wahda fi Triq il-Profs. Walter Ganado, ***il-kelliem irrimarka l'issa d-disinn huwa konkluz u t-tabelli ser jigu ordnata fil-jiem li gejja.***

2.04. Il-Kunsillier Charles Cesare ppropona li kopja tad-disinn ghandu jigi printjat u jitqassam fid-djar kollha tal-lokal bhala kampanja edukattiva.

2.05. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

2.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.07. Is-Sindku Dean Hili ppropona li apparti t-tabelli li diga approvata, ghandha tigi esplorata l-possibilita' li jsiru numru minn dawn it-tabelli fuq perspex u jitwahhlu tul ic-cycle path.

2.08. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

2.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.10. Is-Sindku Dean Hili ghamel referenza ghall-**Minuti 15/K7/14 item 6.35** fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li dan il-multi purpose court ghandu jigi upgraded billi jerga' jinzebagh l-art, isiru l-marki tad-diversi dixxiplini u jsiru xi multi purpose equipment li jintuzaw ghal aktar minn attivita' sportiva wahda (futbol, netbol, basketball, ecc), ***il-kelliem irrimarka li minn spezzjoni li saret fuq il-post jirrizulta li apparti x-xoghol ta' zebgha, l-art ghandha bzonn xi manutenzjoni kif ukoll hemm bzonn iminenti li jinbidlu numru ta' arbli u c-chain link fence li hemm peress li huma perikoluza. Il-kelliem zied li apparti minn dan hemm bzonn ukoll li terga' ssir ix-xibka tas-saqaf. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li ladarba l-Kunsill ikollu Perit gdid, wahda mill-ewwel xoghlijiet ghandha tkun li jifformula tender tax-xoghol li hemm bzonn isir biex dan il-post jinghata upgrade kif suppost.***

2.11. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

2.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.13. Is-Sindku Dean Hili ghamel referenza ghall-**Minuti 15/K7/14 item 6.47** u ghall-korrispondenza numru **46/4470/14/I** fejn huwa kien talab li l-Kunsill jiehu decizjoni dwar din il-materja fil-laqgha li jmiss wara li tinkiseb stima ta' kemm jiswa dan is-Software, ***il-kelliem irrimarka li dan is-suggett ser jigi diskuss aktar il-quddiem waqt il-korrispondenza.***

2.14. Is-Sindku Dean Hili ghamel referenza ghall-**Minuti 15/K7/14 item 9.04** fejn huwa kien informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla unanimament kien qed jirrakkomanda li **Qt 12/2014 – materjal ghall-latrini pubblici** ghandha tinghata lill-kumpaniji li ghandhom l-irhas prezzijiet u li l-items jinxtraw mill-Kunsill, ***il-kelliem irrimarka li l-Kunsill kien ghadu qed jistenna stima minghand wiehed mill-persuni li gew avvicinata biex jaghmlu x-xoghol li hemm bzonn. Il-kelliem informa lill-Kunsill li kien gie avvicinat ukoll il-kuntrattur Charlie Mifsud biex jipprovdi stima lill-Kunsill.***

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 058/2014** - Lista ta' laqghat li saru 15/K7/14 u 16/K7/14. **(Ara Dok. 3)**

3.02. Is-Sindku Dean Hili ghamel referenza ghall-works orders mahruga bejn laqgha u ohra fejn ippropona r-ratifikazzjoni taghhom, liema works orders inhargu skond l-esigenzi li kellu l-Kunsill.

| Works Order | | Data | Kumpanija | Xoghol |
|---|---|---|---|---|
| 208 | 2014 | 29/09/2014 | J & K Contractors | Tlabna sabiex jigi rranġat il-ħajt li twaqqa' minn vettura fi Triq Burma. |
| 209 | 2014 | 03/10/2014 | Infinite Fusion Technologies | Tlabna sabiex tissewwa l-ħsara li soffra l-Kunsill bil-maltemp li seħħ matul il-lejl. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 210 | 2014 | 04/10/2014 | Mica Med Ltd | Tlabna sabiex tirrenġa d-dawl ta' Triq San Ġorġ Preca u l-madwar minħabba li ntefa' bil-maltemp. |
| 211 | 2014 | 10/10/2014 | Mica Med Ltd | Tlabna sabiex tissewwa bozza bin-numru W087 fi Triq Misrah il-Paci |

3.03. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

3.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.05. Is-Sindku Dean Hili ghamel referenza ghall-ilmenti li rcieva l-Kunsill fejn ippropona li jigi ordnat ix-xoghol li hemm bzonn isir, jigifieri 46/2014 issir applikazzjoni ma' TM biex isiru Double Yellow Lines, 47/2014 tigi mistharga l-possibilita' li jitwitta materjal ta' scarfying jew il-hofor li hemm jitwittew bil-konkos u 48/2014 issir applikazzjoni ma' l-Enemalta ghad-dawl. Dwar il-punti l-ohra dawn jigu diskussa wara l'issir spezzjoni fuq il-post.

| | |
|---|---|
| 46/2014 | Talbet biex isiru double yellow lines faccata ta' djar tul it-triq kollha fi Triq Tunis sa fejn tasal il-bankina minhabba li hemm biss parti zghira bi double yellow lines u triq mhux wiesa' bizzejjed li jipparkjaw fuq iz-zewg nahat. |
| 47/2014 | Informat lill-Kunsill li kif tinzel mit-triq li taghti ghall-grounds ta' Pembroke Athleta, tikser fuq il-lemin ghall-flattijiet, hemm hofra kbira u li qed issir hsara kbira lill-karozzi. |
| 48/2014 | Talab sabiex jizdiedu 2 lampi wara Blokk 7 fi Triq Patri Serafin Zarb minhabba li hemm hafna dlam, isiru d-double yellow lines fil-gnub tal-garaxxijiet, jinzebagh il-paviment ta' quddiem il-blokk u jitkompla l-madum bhal dak li diga hemm, jinkines il-gebel li qed johrog mill-hofor li hemm quddiem il-blokk. |

3.06. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

3.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Is-Sindku Dean Hili rrefera lill-Kunsill ghat-tqeghied tad-dokumenti ndikati hawn fuq.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Dean Hili ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn l-24 ta' Settembru u l-21 ta' Ottubru 2014 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

46/4550/14/I
**24/09/2014**
Ittra minghand persuna anonima fejn informat lill-Kunsill li l-Familja Attard li joqghodu Blk 1,Flt 2, Triq San Patrizju bnew zewg kmamar fuq art pubblika u dawruha b'wire, apparti li ghalqu l-passagg u hadd ma jista' jghaddi biex jinzlu fejn l-bahar u talbu sabiex issir spezzjoni u jittiehdu l-passi.

6.02. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4550/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li dan is-suggett ghandu jigu diskuss fil-laqgha li ser issir fuq siti li l-Kunsill precedenti kien ta lir-residenti biex jiehdu hsiebhom minghajr pretenzjonijiet.

6.03. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/4582/14/O
**26/09/2014** Email li l-Kunsill baghat lill-Membri tal-Kunsilll fejn gew mitluba jibghatu l-kummenti taghhom b'referenza ghall-email tal-CM fejn fuq talba ta' resident fi Triq Gabriele Henin issugerixxa li jinqalghu s-sigar ta' l-akacja u minflok jinzerghu oleander.

6.05. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4582/14/O** is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Kunsill jirratifikata l-approvazzjoni li jinqalghu s-sigar ta' l-akacja u minflok jithawwlu oleander bhal dawk li diga hemm fil-post.

6.06. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/4583/14/O
**26/09/2014** Email li l-Kunsill baghat lill-Membri tal-Kunsill fejn giet mitluba l-approvazzjoni taghhom sabiex jigu rrangata t-tabelli li hemm fi Triq Bice Mizzi Vassallo u Triq il-President Anton Buttigieg.

6.08. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4583/14/O** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jirratifika l-approvazzjoni li jigu ordnata t-tabelli konnessa mar-Residential Parking Scheme biss.

6.09. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.11. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jitlob il-permess ta' TM biex fi Triq Madre Margherita de Brincat innaha ta' l-iskola isir parkegg riservat ghall-persuni bi bzonnijiet specjali u li jsir komunikat mal-Pulizija biex ihallu lill-genituri li jkollhom tfal bi bzonnijiet specjali jibqghu dehlin quddiem l-iskola.

6.12. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda u zied li l-Kunsill ghandu jitlob lill-Kap ta' l-iskola biex tforni lill-Kunsill bin-numri tar-registrazzjoni tal-vetturi tal-genituri li jgibu tfal bi bzonnijiet specjali fl-iskola.

6.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/4586/14/I
**26/09/2014** Email minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn b'referenza ghac-certifikazzjoni tal-live streaming informat lill-Kunsill li c-certfikazzjoni trid issir minn persuna indipendenti u mhux mill-persuna li ghamlet is-sistema.

6.14. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4586/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jirratifika l-approvazzjoni li dan ix-xoghol isir mill-persuna li kienet giet ikkummissjonata mill-Kunsill sabiex sar ir-rapport dwar l-offerenti inizzjali.

6.15. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.16. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/4632/14/I
**29/09/2014** Email minghand il-Contracts Manager fejn b'referenza ghall-email li baghat il-Kunsill dwar sigar u xtieli li jostakolaw il-bankini nforma lill-Kunsill li fadal jiehu xi ritratti ta' zewg t'idjar minhabba li meta rawh jigbed ir-ritratti oggezzjonaw ghax insinwaw li huwa ksur tal-privatezza.

46/4727/14/I
**06/10/2014** Email minghand il-Contracts Manager fejn baghat ir-rapport mitlub mill-Kunsill fuq sigar u xtieli li qed jostakolaw il-bankini.

6.17. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/4632/14/I u 46/4727/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jiddiskuti dan ir-rapport f'laqgha apposta.

6.18. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.19. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/4645/14/I **30/09/2014** Email minghand is-Sindku fejn nforma lill-Kunsill li kelmuh xi residenti li jghixu fl-akwati ta' Triq Normandy u Triq Medjez fejn ilmentaw dwar it-tneħħija tal-bus shelter ta' Triq Sant'Andrija minhabba li ghadu jintuza frekwenti u ghandu jibqa' hemm sakemm jigu mhabbra r-rotot il-godda.

46/4678/14/O **01/10/2014** Email li l-Kunsill baghat lis-Sindku fejn gie nfurmat li jekk ser tigi emendata u jew mibdula d-decizjoni mehuda fl-ahhar laqgha dwar ic-caqlieq tal-bus shelter ta' Triq Sant'Andrija ghandha tkun prezentata rizoluzzjoni specjali qabel tinhareg l-agenda tal-laqgha.

6.20. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/4645/14/I u 46/4678/14/O** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jikteb lil TM dwar il-kongestjoni tat-traffiku li l-Bus Stop li hemm fi Triq Sant'Andrija kantuniera ma' Triq Normandy qed johloq, inkluz li l-TM tigi mitluba tinforma lill-Kunsill dwar xi pjanijiet hemm ghal uzu tal-Bus Stops li hemm fuq Triq Sant'Andrija.

6.21. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.22. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/4659/14/O **30/09/2014** Email lill-Membri tal-Kunsill fejn intbaghtet site plan bil-postijiet fejn jinsabu l-litter bins fil-lokal u gew mitluba jipproponu fejn ser jitwahhlu l-bins il-godda.

6.23. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4659/14/O** is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-Vici Sindku Raymond Lanzon kien issugerixxa li jitpoggew litter bins fi Triq Suffolk, Triq San Patrizju u Misrah il-Paci (faccata tal-Knisja). Il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova dan is-suggeriment u li jitqabbad il-kuntrattur tal-Kunsill biex jitwahhlu.

6.24. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.25. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.26. L-Ambaxxatur ghaz-Zghazagh Kurt Mizzi rrakkomanda li jekk huwa possibbli jitwahhlu xi litter bins fil-picnic area, liema bins importanti li jkunu kemm jista' jkun vandal proof.

6.27. Il-Kunsillier Charles Cesare ppropona li l-Kunsill jikseb kwotazzjonijiet ghall-provvista u twahhil ta' litter bins tal-konkos ghall-picnic area.

6.28. Is-Sindku Dean Hili ssekonda.

6.29. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.30. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon ippropona li l-Kunsill jikteb lis-Supt. tal-Pulizija b'kopja lill-Ministru, li l-Kunsill fil-jiem li ghaddew ghamel diversi lmenti dwar caravans li qed ikun hawn fil-lokal f'kull tmiem il-gimgha, fejn jirrizulta li ma ttiehdu ebda passi peress li dawn baqghu fuq il-post anke wara nzul ix-xemx.

6.31. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.32. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/4695/14/I 02/10/2014 — Email minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn baghtu l-prezzijiet tal-pakkett ta' software li qed joffru l-MITA: Office standard ghall-prezz ta' €276.23 u Office Professional Plux ghall-prezz ta' €377.25 ghal kull computer eskluz il-VAT u l-installazzjoni.

46/4881/14/I 13/10/2014 — E-mail minghand is-sur Liam Ferriggi fejn b'referenza ghall-email li baghat il-Kunsill dwar l-upgrade tal-kompjuters qed jissuggerixxi li ssir RAM gdida ta' 4GB u ssir installazzjoni tal-Windows 8.1.

6.33. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/4695/14/I u 46/4881/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li ghandhom isiru dawn l-upgrades necessarji wara li tinhareg sejha pubblika.

6.34. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.35. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/4698/14/I 02/10/2014 — Email minghand Susan Vella fejn talbet sabiex il-Kunsill jiffirma u jittimbra l-applikazzjoni ta' l-Enemalta sabiex jinstallaw arlogg temporanju. Il-post fejn ser ikun ipparkjat il-kiosk ghandu jkun indikat mill-Kunsill u jekk dan ma jsirx jigi pparkjat fejn id-dar u t-trakkijiet ma jkunux jistghu jghaddu.

6.36. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4698/14/I** il-Vici Sindku Raymond Lanzon ippropona li l-Kunsill ghandu jistaqsi l-parir tal-Korporazzjoni Enemalta dwar kif talba simili ghandha tigi ndirizzata.

6.37. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.38. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/4712/14/I 03/10/2014 — Email minghand l-MIB fejn b'referenza ghall-hsarat li soffra l-Kunsill bil-maltemp talbet nipprodulha l-claim form mimlija u ffirmata, technician report u kwotazzjoni ghat-tibdil u tiswija ta' l-affarijiet.

46/4713/14/O 03/10/2014 — Email lill-Membri tal-Kunsill fejn gew infurmata li wara l-maltemp il-Kunsill soffra hsara fl-IT equipment tal-Kunsill u baghtna lista tal-hsarat.

6.39. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/4712/14/I u 46/4713/14/O** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jirratifika l-approvazzjoni li jigu ordnata t-tiswijiet li hemm bzonn u ssir claim ma' l-insurance.

6.40. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.41. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/4826/14/I 09/10/2014 — Email minghand Transport Malta fejn **b'referenza** ghall-email tal-Kunsill dwar refreshing ta' zebra crossing fil-Bypass informat lill-Kunsill li t-triq inkwistjoni ma taqax tahthom u trid isir mill-Kunsill.

6.42. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4826/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jirratifika l-approvazzjoni li jigu ordnata l-marki tat-traffiku.

6.43. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.44. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/4827/14/I 09/10/2014 — Email minghand il-Contracts Manager fejn b'referenza ghall-karru fi Triq ANZAC informa lill-Kunsill li l-gwardjani mhumiex rapprezentanti tal-Kunsill, l-avviz u l-procedura ta' tnehhija inkluz z-zamma tal-oggetti trid

issir mill-Kunsill u talab sabiex nippreparaw l-karta u jwahhalha huwa.

6.45. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4827/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill qabel xejn jibghat korrispondenza lir-residenti kkoncernati jigifieri Triq ANZAC u Triq G. Henin sabiex jispjega l-pozizzjoni tieghu u l-ligi dwar dawn l-oggetti.

6.46. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.47. Il-Kunsill qabel unanimament.

464843/14/I **10/10/2014** Email minghand l-Ghaqda Poeti Maltin fejn informa lill-Kunsill li l-Ghaqda qed tipproponi li l-attivita' ssir jew fis-7 jew fl-14 ta' Novembru.

46/4905/14/I **14/10/2014** Email minghand l-Ghaqda Poeti Maltin fejn b'referenza ghall-email li baghat il-Kunsill nformaw lill-Kunsill li jaqblu li l-attivita' ssir fl-ewwel gimgha ta' Dicembru u staqsa jekk il-Kunsill ghandux xi hsieb ta' x'jixtieq isir.

6.48. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/4843/14/I u 46/4905/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li jigu nfurmati li ghalissa mhux ser issir din l-attivita' halli l-Kunsill ikollu aktar zmien biex jipprepara attivita' holistika li tinkludi wkoll il-qari tal-poezija kif ukoll possibilita' l'issir fil-Kunsill fuq skala izghar.

6.49. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.50. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/4959/14/I **16/10/2014** Email minghand is-Sindku Dean Hili fejn baghat kopja ta' email li rcieva minghand Jesmond u Marthese Hili, s-sidien tal-hanut 'Happy Xopper' fejn talbu sabiex quddiem il-hanut taghhom issir un/loading bay.

6.51. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4959/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill japprova din it-talba u jintalab il-permess ta' TM.

6.52. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.53. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5000/14/I **20/10/2014** Email minghand il-GO jistaqsu lill-Kunsill jekk huwiex ser jigi estiz is-servizz ta' web hosting tal-Homepage tal-Kunsill www.pembroke.gov.mt.

6.54. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/5000/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill japprova dan it-tigdid.

6.55. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.56. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07. Kumitati Kongunti ta' l-LES, Kumitat Regjonali u n-NHDJC.

7.01. Is-Sindku Dean Hili rrefera lill-membri tal-Kunsill ghall-Minuti tal-laqghat ta' dawn il-kumitati.

## 08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

8.01. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon fuq talba ta' l-Ghaqda Anzjani Pembroke, ippropona li f'Novembru tigi organizzata zjara fic-Cimiterju ta' l-Addolorata. Il-kelliem informa

lill-Kunsill ukoll li l-President Anton Portelli ta' l-ghaqda, minhabba mpenji personali ma' jistax ikompli.

8.02. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

8.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10. Approvazzjoni tal-kontijiet.

10.01. Is-Sindku Dean Hili pprezenta l-iskeda tad-dhul u hrug. **(Ara Dok. 4, 5, 6, 7 u 8)**

10.02. Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ipprezentati, is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ipprezentata bit-tnaqqis propost. Dwar item 794 il-kelliem ippropona li jithallas nofsu ghax il-Kunsill huwa ta' l-opinjoni li ghad hemm xoghlijiet pendenti u ghalhekk mhux sodisfatt bil-BOQ ipprezentat mill-Perit tal-Kunsill u ghalhekk ghadu qed jinsisti l'issir il-laqgha mal-Perit u l-kuntrattur koncernat.

10.03. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

10.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11. Materji ohra.

11.01. Is-Sindku Dean Hili ghamel referenza ghal Wesghet ix-Xelter fejn ippropona li hemm bzonn li jigu mmarkata l-parking bays u jsiru paraleli mal-bankina, isiru vleggeg u centre strip baxxa tal-konkos fil-pjazza.

11.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

11.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.04. Is-Sindku Dean Hili ppropona li jsir patching bejn l-STC u St Michael's, isiru l-marki tat-traffiku u terga' ssir it-tabella tal-parkegg ghall-persuni bi bzonnijiet specjali.

11.05. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

11.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.07. Is-Sindku Dean Hili ppropona li jsiru tabelli ta' Un/Loading fi Triq Falaise biex tintuza mill-coach ta' l-iskola nazzjonali ta' l-isports. Il-kelliem ippropona wkoll li l-Kunsill jinforma lill-kap ta' l-Iskola li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni biex titnehha l-planter pubblika li hemm ma' l-iskola fi Triq Falasie biex minflok issir bankina ghas-spejjez ta' l-FTS bil-possibilita' li fuqha kif ukoll li jekk jixtiequ ghas-safety tat-tfal, l-FTS jistghu jinstallaw barriers tul il-bankina ta' l-iskola fi Triq Bice Mizzi Vassallo.

11.08. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

11.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.10. Is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jitlob il-parir tal-MEUSAC dwar il-possibilita' li jsir xi progett iffinanzjat minn fondi ta' l-EU biex jigi upgraded is-sit fejn kien hemm tennis ground bejn Sit A 1-4 sa 5-11 San Gorg.

11.11. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

11.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.13. Is-Sindku Dean Hili ppropona biex il-bilanc kollu tal-vacation leave li jkollu Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fl-ahhar tas-sena, ikun jista' jitmexxa kollu ghas-sena li gejja. Il-kelliem irrimarka li dan japplika wkoll ghall-haddiema klerikali.

11.14. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

11.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.16. Is-Sindku Dean Hili ghalaq il-laqgha fit-8.45pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar it-Tlieta 18 ta' Novembru 2014 fil-5.30pm.

Avv. Dean Hili
***Sindku***

18/11/2014
Kevin Borg
***Segretarju Ezekuttiv***

Dok 1

**Pembroke Local Council at DLG**

**From:** mark causon <causonmark@hotmail.com>
**Sent:** 23 October 2014 13:36
**To:** Pembroke Local Council at DLG; Cesare Charles at OPM; 'Charles Cesare - 2'; 'Council Evelyn Vella Brincat'; Hili Dean at DLG; 'Dean Hili'; Borg Kevin at DLG; 'Ray Lanzon'
**Subject:** excused from meeting

Dear all
Sorry i could not attend the council meeting yesterday but i just could not wake up after 27 hours flights.
Kindly excuse me.
regards

Mark Causon
Pembroke Local councillor
00356 79232635
causonmark@hotmail.com

46/5097/14/I

Dok 2

# Kunsill Lokali Pembroke

## Ir-Rapport Finanzjarju ta' kull Kwart (Tliet Xhur)

## NRU. 3 : Lulju sa Settembru 2014

## Sena Finanzjarja 2014

## 2.1 Il-Varjazzjonijiet Konsolidati mill-Estimi tad-Dħul u l-Infiq

| ACCT NO | DESCRIPTION | Quarter 3 2014 | | | | YEAR TO DATE 2014 | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | ACTUAL Eur | COMMITTED Eur | TOTAL Eur | BUDGET Eur | ACTUAL Eur | COMMITTED Eur | TOTAL Eur | BUDGET Eur |
| 2 | **Income** | | | | | | | | |
| 0000 | Government | 93,542.00 | 0.00 | 93,542.00 | 89,396.00 | 288,040.00 | 0.00 | 288,040.00 | 357,584.00 |
| 0020 | Bye-laws | 3,791.00 | 0.00 | 3,791.00 | 1,171.78 | 8,820.00 | 0.00 | 8,820.00 | 4,687.10 |
| 0090 | Investment | 203.00 | 0.00 | 203.00 | 450.00 | 1,383.00 | 0.00 | 1,383.00 | 1,800.00 |
| 0100 | General | 515.00 | 0.00 | 515.00 | 0.00 | 1,643.00 | 0.00 | 1,643.00 | 0.00 |
| | **TOTAL** | **98,051.00** | **0.00** | **98,051.00** | **91,017.78** | **299,886.00** | **0.00** | **299,886.00** | **364,071.10** |
| 1 | **Expenditure** | | | | | | | | |
| 1000 | Personal emoluments | 18,363.00 | 2,697.00 | 21,060.00 | 20,993.25 | 57,912.00 | 4,890.00 | 62,802.00 | 83,973.00 |
| 2000 | Operations and maintenance | 52,288.00 | 3,474.00 | 55,762.00 | 90,568.90 | 129,678.00 | 26,338.00 | 156,016.00 | 362,275.60 |
| 7000 | Capital expenditure | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 2,687.50 | 13,142.00 | 0.00 | 13,142.00 | 10,750.00 |
| | **TOTAL** | **70,651.00** | **6,171.00** | **76,822.00** | **114,249.65** | **200,732.00** | **31,228.00** | **231,960.00** | **456,998.60** |
| | **Balance** | **27,400.00** | **(6,171.00)** | **21,229.00** | **(23,231.88)** | **99,154.00** | **(31,228.00)** | **67,926.00** | **(92,927.50)** |

| | | Quarter 3 2014 | Year to Date 2014 |
|---|---|---|---|
| | Opening Cash and Bank Balances | 285,619.00 | 238,922.00 |
| Add | Grant Received | 0.00 | 0.00 |
| Less | Grant Absorbed | 0.00 | 0.00 |
| Less | Current Deferred Grant Absorbed | 0.00 | 0.00 |
| | Long Term Liability re Council Premises | 0.00 | 0.00 |
| | Future Commitments | (19,054.00) | (19,054.00) |
| Add: | Balance (Surplus/(Deficit) | 21,229.00 | 67,926.00 |
| | Available Funds | 287,794.00 | 287,794.00 |
| | Allocation during Current Year | 354,084.00 | 354,084.00 |
| | % Financial Situation Indicator | 81.28% | 81.28% |

Notes:

1 The amounts entered in the actual column will be the figures extracted from the Sage Reports

2 The amounts entered in the committed column will be those amounts not yet entered into Sage as Creditors or Accruals in the case of expenditure and any accrued income or amounts due still outstanding.

3 Future Commitments will include any tenders which have been awarded which have not yet commenced or which are partly completed. The amount commited to the project are as follows:

| | Euro |
|---|---|
| Lighting System - Triq Pietru Darmenia | 19,054 |
| | 19,054 |

4 Contingent Liabilities

| | Euro |
|---|---|
| Mario Mallia including expenses | 2,438 |
| Alternative Technologies legal expenses | 1,100 |
| | 3,538 |

Declaration:

The Mayor and the Executive Secretary declare that the above statements show a true and fair view of the Council's position on the signing date and that all commitments have been included in these financial statements.

Mayor
Dr. Dean Hili LLD

Executive Secretary
Kevin Borg

21/10/14
Date

## 2.2 Il-Varjazzjonijiet mill-Estmi tad-Dħul fid-dettall

| | | a | b | c=(a+b) | d | e | f | g=(e+f) | h |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Quarter 3 2014 | | | | YEAR TO DATE 2014 | | | |
| ACCT NO | DESCRIPTION | ACTUAL Eur | COMMITTED Eur | TOTAL Eur | BUDGET Eur | ACTUAL Eur | COMMITTED Eur | TOTAL Eur | BUDGET Eur |
| 2 | Income | | | | | | | | |
| 0000 | Government | | | | | | | | |
| 0001 | Annual | 88,521.00 | 0.00 | 88,521.00 | 88,521.00 | 265,562.00 | 0.00 | 265,562.00 | 354,084.00 |
| 0002 | Supplementary | (9,136.00) | 0.00 | (9,136.00) | 0.00 | 8,321.00 | | 8,321.00 | |
| 0003 | Special needs | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 750.00 | 0.00 | | 0.00 | 3,000.00 |
